Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 5 ta' Frar 2024**

**Distrett Hamrun**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Andy Rotin)**

**Versus**

**Christian Tanti**
**(29486M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Christian Tanti** ta' 37 sena bin Marcellino u Carmen Mary kunjomha xebba Magri, imwieled Malta fl-20 ta' Dicembru 1985 u residenti 29, St. Rita, Triq Pawlu Saliba, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' 29486M.

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Marzu 2022 ghall-habta ta' 10:34 hrs gewwa Triq Birerrija, Hamrun :

1. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju u dan bi ksur tal-Art. 338(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' PC 72 li huwa inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu, billi ma halliex lill-ufficjal imsemmi jaghmel dak li b'ligi jkun ordna jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-kodici jew ta' ligi ohra u dan bi ksur tal-Art. 338(ee) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' ta' PC 72, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Art. 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli naqas li jnehhi, meta hekk mitlub jaghmel mill-pulizija jew mill-ufficjal tal-komunita' jew rapprezentant tal-kunsill lokali, kul apparat li jikkawza inkonvenjent jew li jkun ta' perikolu. Reg. 13(10) (h) L.S. 441.04;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fi triq jew f'post pubbliku iehor, imbotta li PC 2450 sabiex iweggaw jew jinsulentah u dan bi ksur tal-Art. 339 (1)(l) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli gestixxa attivita' kummercjali bil-permess minn gewwa l-fond bl-isem mhux maghruf li jinsab Triq il-Vittorja, il-Hamrun u f'din l-attivita' pogga ghall-bejgh artikolu jew kull oggett iehor barra minn dan il-fond, u bhala persuna responsabbli minn din l-attivita' naqas li jara li dan ma johloqx ostakli ghan-nies li jkunu ghaddejin bil-mixi u li tali artikolu jew oggetti ma jkunux jaccedu l-hamsin centimetru 'il barra fuq l-imsemmija bankina. Partita 3 Tieni Skeda L.S. 441.07;

7. U aktar talli meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat u dan bi ksur tal-Art. 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' ta' PC 2450 waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Art. 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat, u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offiza/i u l-familja taghha, u dan ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi rat id-dokumenti esebiti fl-atti fosthom l-affidavit ta' PC2450 Hertian Vassallo u PC72 Glen Camilleri fejn iddikjaraw illi fit-3 ta' Marzu 2022, waqt illi kienu fuq ronda fi Triq il-Birrerija, Hamrun nnutaw diversi karozzi li ma kienux f'kundizzjoni tajba, minghajr pjanci u diska ta' cirkulazzjoni u l-licenzja tal-vettura mhux mgedda. Waqt illi PC72 kien qed jiehu xi ritratti hareg Christian Tanti li beda jghajjat u jipponta subghajh lejn PC72 u jghidlu li hazin jkun ghalih jekk jircievi xi ticket iehor. Christian Tanti kien gie mwissi diversi drabi qabel, sabiex ma jhallix karozzi barra. PC2450 wissieh biex ma' jheddidx u jintimida lill-Pulizija u Christian Tanti avvicinah b'aggressivita' u qallu biex 'ma jkunx hero hu ukoll'. Kif l-imputat gie nfurmat li ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu, l-imputat wiegeb li mhux problema ghalih ghax hu kien tiela' u niezel il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat huwa akkuzat b'diversi akkuzi fil-konfront tieghu, fejn l-Prosekuzzjoni strahet biss fuq l-affidavit taz-zewg Pulizija bhala prova.

**Illi l-ewwel(1) akkuza** hija dwar il-ksur tal-bon ordni, u fin-nuqqas ghal-provi ulterjuri, din il-Qorti **mhix konvinta illi din l-akkuza giet ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi,** filwaqt li taghmel referenza ghal-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija versus Maria Concetta Green'**[1] fejn jinghad:

*L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar linkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

*L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew*

[1]Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 19 ta' Novembru, 1999; Volum LXXXIII.iv.441, li saret referenza ghaliha fis-sentenza Pulizija vs *Nicholas Obaseki deciza 15 tal Gunju 2020*

*iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.'*

Illi rigward it-tieni(2) u r-raba'(4) akkuza, fl-affidavit ta' PC2450 u PC 72 jghidu illi l-imputat nehha l-vettura msemmija, u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi **it-tieni(2) u r-raba'(4) akkuza ma jirrizultawx.**

Illi rigward il-hames (5) akkuza, ma saret l-ebda referenza li fil-fatt l-imputat kien imbotta lil PC2450, ghalkemm jinghad illi avvicinah b'aggressivita' u ghalhekk **l-hames (5) akkuza lanqas ma giet ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.**

Illi ghalkemm fl-affidavit tieghu PC 72 jghid illi kien ilu jwissi lill-imputat sabiex ma jhallix il-karozzi barra, ghal tmien xhur, ma ngabet ebda prova dwar meta saru dawn ir-rejati. Lanqas ma gew ezebiti ritratti jew footage tal-bodycam, li sar referenza ghalihom fl-affidavit, ghalhekk din il-Qorti hija konvinta illi **is-sitt(6) u s-seba'(7) akkuza ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.**

Illi l-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-elementi legali **tat-tielet (3) u t-tmien (8)** akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat ghall-agir tieghu fil-konfront taz-zewg PC72 u PC 2450.

Illi l-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali jghid;

*'Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew jhedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5,000).'*

Illi ghar-rigward dan ir-reat din il-Qorti trid tanalizza jekk sarx l-element materjali ta' dan ir-reat li ghandu jirrizulta li huwa ingurja, theddid jew offiza fil-konfront tal-ufficjal pubbliku.

Illi mill-interpretazzjoni ta' kazistika nostrana l-elementi mehtiega sabiex jissussisti dan ir-reat huma:

1. Il-vittma trid tkun ufficjal pubbliku;
2. Trid issir theddida, ingurja jew offiza fuq l-ufficjal pubbliku;
3. Illi r-reat irid issir waqt li ikun qed jaghmel servizz pubbliku;
4. Jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku;
5. Jew inkella r-reat sar bi hsieb biex tbezza' jew tinfluwixxi fuq l-ufficjal pubbliku kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi skond il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc. of office, provided that the offender was aware of his status as such person."*[2]

Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-awturi Taljani Maino u Carrara li jsostnu:

*"Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita debe essere nota a chi resiste."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Giuseppe Borg**[3] jinghad:

*"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."*

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi **akkuzi numru tlieta (3) u tmienja (8) gew pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi,** stante li rrizultaw mill-affidavits taz-zewg Pulizija, fejn l-imputat indirizza lil PC 72 bil-kliem 'ara ma' nirciviex ticket iehor ghax hazin ikun ghalik', kif ukoll lil PC2450 'tkunx hero int ukoll' u 'ersaq ghax inressqek'.

---

[2] Folio 47 Notes on Criminal Law; Professor Anthony J Mamo.
[3] Criminal Appeal, 24 ta' Novembru 1917, Referenza mehuda minn Notes on Criminal Law, Professor Anthony J Mamo; Folio 48

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), t-tieni (2), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt(6) u s-seba' (7) akkuza, u wara li rat Artikolu 7 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil **imputat Christian Tanti hati tat-tielet (3) u t-tmien (8) akkuza u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' tmien mitt Euro (€ 800) .**

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **PC 2450 Hertian Vassallo u PC 72 Glen Camilleri ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qieghda torbot lill-imputat **Christian Tanti** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile*.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**